7 ta' Diċembru, 1948

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Nazzareno Grech *versus* Mary Farrugia et.**

**Obligazzjoni — Klawsola Penali.**

*Obligazzjoni bil-klawsola penali hija valida, għax il-liġi tippermettiha. Iżda l-liġi tagħti wkoll lill-Qorti l-fakoltà li timmodera l-effetti tal-klawsola penali, meta fil-fehma tal-Qorti l-penali tirrizulta eċċessiva.*

*Wieħed millі-każi fejn il-Qorti għandha l-jedd tnaqqas jew timmodera l-piena huwa dak meta d-debitur ikun eżegwixxa in parti l-obligazzjoni u l-kreditur ikun espressament aċċetta l-parti eżegwita. F'dan il-każ il-piena tiġi mnaqqsa in proporzjon tal-parti li għaliha baqgħet mhix mitmuma l-obligazzjoni.*

L-attur fit-taħrika qal illi b'kuntratt publikat għand in-Nutar Dottor Vincenzo Maria Pellegrini fit-3 ta' Mejju 1947 (dok. A) l-attur ċeda u ttrasferixxa lill-konvenuta l-avvjament bil-kontenut kollu tal-ħanut magħruf bħala "Red Star Bar", bil-permessi u liċenzi relativi għall-bejgħ ta' nbid u spiriti, li qiegħed il-Belt Valletta, Strait Street, nru. 83 u 83A, bil-prezz komplessiv ta' £2050, li minnhom il-konvenuta kienet ġà ħallset £1260; għalhekk dak in-nhar tal-kuntratt il-konvenuta kien baqgħalha tagħti l-bilanċ ta' £790, li magħhom kellhom jiżdiedu £59. 15. 0 kera ta' l-istess ħanut bil-5s. kull jum mit-28 ta' Awissu 1946 sat-3 ta' Mejju 1947, u £11 prezz ta' kaxxi tal-birra, u £103 interessi "a scaletta" bis-6% mit-13 ta' Novembru 1945 sad-data tal-kuntratt, b'kollox £963. 15. 0; liema somma l-konvenuta obligat ruħha li tħallasha b'rati ta' £5 (jew aktar) fil-ġimgħa, l-ewwel pagament kellu jsir fil-ġurnata tal-kuntratt, bl-interessi tas-6% kalkolabili a skaletta u pagabili ma' kull pagament; u qal illi fl-istess kuntratt (a) il-

---

B'sentenza tagħha tas-27 ta' Ġunju 1949, il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re (Awla Kummerċjali) irriformat din is-sentenza fis-sens illi s-somma li l-attur kellu jagħti lura lill-konvenuta kellha tkun ta' £500 minflok ta' £400, u illi, in riferenza għall-ħames talba, żammet li kien hemm bżonn li jiġi likwidat l-ammont preċiż dovut mill-konvenuta, u għalhekk innominat perit legali biex jagħmel dik il-likwidazzjoni.

konvenuta kkostitwiet ruħha ċerta u likwida debitriċi versu l-attur fis-somma ta' £300 li dana kien forniełha qabel "brevi manu" b'titolu ta' self, liema somma l-konvenuta obligat ruħha li tirrestitwiha bir-rati ta' £1 fil-ġimgħa, bl-imgħax tas-6% pagabili "a scaletta" ma' kull pagament; (b) il-konvenuta obligat ruħha li flimkien ma' l-ammonti fuq riferiti tħallas lill-attur ukoll, bl-istess kondizzjonijiet, is-somma ta' £50, parti mir-rigal li l-attur ħallas lil sid il-ħanut biex jottjeni l-permess tas-sullokazzjoni;

U żied igħid illi bejn il-kontendenti ġie miftiehem li jekk il-konvenuta tibqa' moruża fil-pagament tal-bilanċ kapital ta' £963. 15. 0 u £350. 0. 0, u relativi interessi, għal tmien rati anki mhux konsekutivi, hija titlef id-dritt li tibqa' tħallas bir-rati kif fuq stipulati, kif ukoll ir-rati kollha li hija tkun ħallset sa dak in-nhar, u jkollha ddawwar il-liċenzi fuq isem l-attur u tirretroċedi l-ħanut bl-aċċessorji kollha, mingħajr ma l-attur però jkollu d-dritt li jitlob il-bilanċ li jkun għadu dovut, eskluż il-bilanċ li jkun għadu dovut in konnessjoni mad-debitu ta' £350 fuq riferiti;

U qal ukoll illi l-konvenuta baqgħet moruża fil-pagament tal-kapitali fuq riferiti għal aktar minn tmien rati, u b'kollox baqgħalha tagħti s-somma ta' £1003. 15. 0, skond kif jidher mill-prospett (dok. B) anness maċ-ċitazzjoni; u illi skond l-istess kuntratt l-attur ma huwiex intitolat għall-bilanċ tal-prezz taċ-ċessjoni fil-każ ta' dekadenza tal-konvenuta, iżda għas-somma ta' £350 biss;

U talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, (1) jiġi dikjarat u deċiż li l-konvenuta ddekadiet mill-beneficċju tat-terminu kif fuq stipulat favur tagħha, u (2) okkorrendo, jiġi dikjarat riżolut u bla effett l-istess kuntratt ta' ċessjoni, u (3) il-konvenuta tiġi kundannata fiż-żmien li tistabbilixxi din il-Qorti ddawwar il-permessi u l-liċenzi ta' l-imsemmi ħanut fuq isem l-attur, u tiżgombra mill-istess ħanut, u tirrestitwihulu bl-aċċessorji kollha ta' ġo fih, u (4) fin-nuqqas, lill-konvenut Ullo nomine jiġi ordnat, inattiża l-oppożizzjoni tal-konvenuta Farrugia, jittrasferixxi l-imsemmijin liċenzi fuq isem l-attur, u (5) il-konvenuta tkun kundannata tħallas lill-attur is-somma ta' £350, jew verjuri ammont ieħor.

li jiġi likwidat f'dina l-kawża, bl-imgħax tas-6% fis-sena a skaletta. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Mill-provi li saru jirriżulta soddisfaċentement li l-konvenuta naqset mill-ħlas ta' aktar minn tnejn rati, u għalhekk ivverifikat ruħha l-kondizzjoni tad-dekadenza. Għalkemm il-Qorti ddifferiet il-kawża diversi drabi, u l-konvenuta kellha żmien biżżejjed biex saldattant tirrimedja billi tħallas l-arretrati, il-konvenuta baqgħet ma ħallset xejn iżjed. Għaldaqstant hemm lok għar-retroċessjoni tal-ħanut lill-attur, skond il-ftehim tal-kuntratt innifsu fit-taħrika;

F'dak il-kuntratt ġiet miftehma d-dekadenza bit-telfa tal-ħanut u ta' dak kollu li l-konvenuta ħallset sal-lum favur l-attur. Dana jammonta għall-obligazzjoni tal-klawsola penali. Dik ix-xorta ta' obligazzjoni hija valida, għax il-liġi tippermettiha. Iżda l-liġi tagħti wkoll il-fakoltà lill-Qorti li timmoderà l-effetti tal-klawsola penali, meta fil-fehma tal-Qorti l-penali tirriżulta eċċessiva. U tabilħaqq, dina l-Qorti fis-sentenza tal-20 ta' Frar 1931, in re "Samuele Anastasi ne. vs. Giuseppe Scicluna et", hekk irriteniet, fuq l-awtorità tas-sentenza tal-Kassazzjoni ta' Ruma in re "Mattuella vs. Langen e Wolf" tas-7 ta' Mejju 1912, li qalet li:— "La convenzione per cui nel caso di non completo pagamento del prezzo, le rate pagate rimangono devolute al venditore insieme con la restituzione della cosa, è lecita e valida; però al giudice è data facoltà di riconoscere eccessiva, e quindi di moderare, la clausola penale in questo patto" (Giurisprudenza Italiana 1912, c. I, p. 593). U l-istess haġa rriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tas-27 ta' Frar 1941, in re "George Agius ne. vs. Adelina Ranieri et.", fuq l-awtoritajiet ċitati f'dik is-sentenza stess, li applikat l-art. 828 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, il-lum art. 1165 tal-Kodiċi Ċivili; u qalet li dak l-artikolu jagħti lill-Qorti l-jedd li tnaqqas jew timmodifika l-piena f'ċerti każi. Wieħed minn dawn il-każi huwa meta d-debitur ikun eżegwixxa in parti l-obligazzjoni, u l-kreditur ikun espressament aċċetta l-parti eżegwita. F'dan il-każ il-piena tiġi mnaqqsa in proporzjon tal-parti li għaliha baqgħet mhux mitmuma l-obligazzjoni;

Fil-każ tal-partijiet, il-konvenuta eżegwiet il-biċċa l-kbi-

ra ta' l-obligazzjoni principali tagħha, għax mill-prezz totali ta' £2050 tat-twellija tal-ħanut laħqet ħallset £1260, barra minn ammonti rateali oħrajn wara l-kuntratt, u l-attur aċċetta dak l-adempiment parzjali ta' l-obligazzjoni. Meta tikkunsidra illi t-twellija tal-ħanut kienet definitiva, salv il-patt fuq imsemmi, u bit-twellija l-konvenuta f'każi normali kienet tkun tista' tgawdi l-ħanut għal żmien twil u ndefinit, fil-waqt li b'effett tad-dekadenza u tal-klawsola penali sejra tkun gawdiet il-ħanut għal anqas minn sentejn mit-twellija 'l-hawn. fil-fehma tal-Qorti l-penali fl-effetti tagħha hija eċċessiva, u għandha tiġi moderata u mnaqqsa, wara li wieħed jieħu filkonsiderazzjoni l-utili li l-konvenuta ħadet jew setgħet ħadet fiż-żmien li ġestiet il-ħanut, kif ukoll iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ riżultanti mill-provi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-ewwel talba, u tilqa' t-tieni talba wkoll b'effett mil-lum, kif ukoll it-tielet u r-raba talba; u għall-finijiet tat-tielet u r-raba' talba tagħti lill-konvenuta xahar żmien; iżda bil-patt li qabel l-eżekuzzjoni tas-sentenza l-attur għandu jrodd lill-konvenuta, mir-rati li daħħal mill-prezz tat-twellija, is-somma ta' £400. U x-xahar mogħti lill-konvenuta għall-finijiet tat-tielet u r-raba' talba jibda minn meta l-attur jirrifondi jew jiddepożita favur il-konvenuta dik is-somma. U tilqa' l-ħames talba. Ir-rifużjoni tal-£400 għandha tirriżulta, għall-finijiet ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza, minn irċevuta jew kopja taċ-ċedola taddepożitu, li għandha tiġi preżentata fir-Reġistru wara l-attijiet ta' din il-kawża;

L-ispejjeż tbatihom il-konvenuta Farrugia, barra dawk tar-rikors ta' l-attur tal-15 ta' Mejju u 12 ta' Lulju 1948, li għandu jbatihom l-attur stess.

---